TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 215/12-F

**Grace Sapiano**

**vs**

**Chris Lia eżerċenti l-kummerċ bħala Unicare Ltd.**

Illum 16 t'April, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-29 t'Awwissu, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elfejn u tmenin ewro (€2,080), rappreżentanti depożitu ta' *standing frame* għat-tifel bi bżonnijiet speċjali.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *standing frame* għat-tifel tagħha li għandu bżonnijiet speċjali, kif ġie riferit mill-*physiotherapist* skond ir-rikorrenti, l-intimat kellu jkejjel it-tul tat-tifel biex ikun jista' jiffittja dan l-i*standing frame*. Meta wasal Malta dan l-i*standing frame* ma kienx tajjeb għat-tifel għax kien żgħir.

L-intimat issottometta illi r-rikorrenti ġiet għandu b'talbiet speċifiċi inkluż il-kejl u dan mingħand *physiotherapist* kwalifikat u ġie ordnat eżattament kif kien ġie speċifikament ordnat mir-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi l-intimat ma kellux tort għal din il-biċċa xogħol u għamel dak li ġie mitlub minnu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888